**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Edwina Grima

Appell Nru. 244/2019

Seduta tat-28 ta' Frar 2020

**Carmelo Turu Spiteri**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Ir-Registratur tal-Qrati Kriminali**

Il-Qorti,

Rat d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali fl-atti ta' proceduri dwar *challenge* maghmula fit-termini tal-artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tas-26 ta' Awwissu 2019, li permezz tieghu dik il-Qorti sabet lill-appellant Carmelo Turu Spiteri hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsin ewro (€50).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Turu Spiteri mill-imsemmi digriet, ppreżentat fis-27 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din il-Qorti tiddikjarah mhux hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti u fit-tieni lok l-piena inflitta mill-Magistrat Dr. V.G. Axiaq tigi dikjarata nulla.

Rat ir-risposti tal-Avukat Generali u tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni kienet limitata ghall-pregudizzjali sollevat mill-Avukat Generali dwar in-nullita` tad-digriet appellat. Dan ghaliex ma hemmx hemmhekk indikat l-artikolu tal-ligi li fuqu hija msejsa il-htija, rekwizit stabbilit fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali[1] applikabbli ukoll ghal dawn il-proceduri, li ghandhom xejra ta' natura penali. Illi ghalkemm l-Avukat Generali ghandu ragun l-Qorti madanakollu tista' tinferixxi illi tali kundanna ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti saret fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw in generali d-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, li anki fil-kuntest ta' proceduri kriminali, huma dawk li jinsabu taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Billi jidher illi l-kliem dispreggjativ gie maghmul f'att gudizzjarju allura x'aktarx illi l-kundanna saret fit-termini tal-artikolu 994 tal-Kap.12, ghalkemm kif inghad din id-disposizzjoni tal-ligi mhux indikata fid-digriet appellat. Dan l-artikolu tal-ligi jigi indikat ukoll fir-risposta tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali. Fil-fatt id-decizjoni taqra hekk:

> **"Il-Qorti,**
>
> **Rat l-iskrittura msemmija "*Request Clarification and Redress of Inaccurate Information Contained in the July 29th 2019 decree*" ipprezentata mill-isfidant fit-23 ta' Awwissu 2019;**
> **Tikkunsidra li din l-istess skrittura (i) hija fiha nnifisha irrilevanti u m'ghandhiex x'taqsam max-xorta tal-proceduri li ghandha quddiemha (ii) giet ipprezentata bi ksur tad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Lulju u, (iii) hija minna nnifisha oggezzjonabli minhabba l-uzu ta' kliem offensiv u ingurjuz;**
> **Ghalhekk issib lill-isfidant hati ta' disprezz lejn l-awtorita ta' din il-Qorti u timmultah multa (ammenda) ta' <u>hamsin euro (€50)</u>;**
> **Tordna li l-istess skrittura tigi sfilzata mill-atti ta' dawn il-proceduri ..."**

---

[1] Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat

Illi qed isir dan il-riljev mill-Qorti peress illi l-artikolu 1003(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi appell minn sentenza dwar disprezz lejn l-awtorita taghHa (li hija procedura indipendenti minn dik tal-procedura fejn tkun saret il-kundanna[2]) ghandu jsir quddiem il-'Qorti tal-Appell' kif kostitwita permezz tal-artikolu 41(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux quddiem din il-Qorti.

Dan ifisser illi din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tisma' l-ilment ventilat mill-appellant u ghalkemm, jerga jinghad, l-Avukat Generali ghandu ragun fil-pregudizzjali minnu sollevat, madanakollu l-Qorti ghandha idejha marbuta u ma tistax hlief *ex officio* tissolleva n-nullita` tar-rikors tal-appell billi dan gie intavolat quddiem qorti zbaljata biex b'hekk din il-Qorti ma tistax titratta l-materja rimessa ghal gudizzju taghha ghaliex kif inghad l-appell kellu isir quddiem il-Qorti tal-Appell kif kollegjalment komposta.

Illi dan il-punt ta' dritt gie superjorment mistharreg f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-appell fl-ismijiet "Il-Qorti vs Filomena Esposito" deciza fis-17 ta' Frar 1987 li l-Qorti ser ticcita *in extenso* billi fiha hemm inkapsolat l-ispirtu wara l-artikolu 1003 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), rez applikabbli ghal dawn il-proceduri penali permezz tal-artikolu 686 tal-Kodici Kriminali. Gie deciz:

> **"Id-disposizzjonijiet tal-ligi li tirregola l-appell prezenti tinsab taht it-Titolu XVII intitolat "Fuq ir-Rispett li ghandu Jingieb lill-Qorti", tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.9 Ediz. Riv. 1984), liema Tielet Ktieb huwa *a sua volta* intitolat "Fuq Materji Partikolari tal-Procedura Gudizzjarja". Infatti l-artikolu 1003 taht dak it-titolu jirregola appelli minn sentenzi moghtija ghal disprezz u wara li jiddisponi li m'hemmx appell minn sentenza moghtija ghal disprezz *in faciem curiae* jghaddi biex jghid li "fil-kazijiet l-ohra kollha mis-sentenzi moghtija taht dan it-Titolu minn Qorti li ma tkunx il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti kostituzzjonali jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell, liema appell ghandu jsir b'rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien jumejn minn dak in-nhar tas-sentenza. ....**

[2] Is-subartikolu (4) tal-Artikolu 1003 tal-Kap. 12 jiddisponi, "Is-sentenzi moghtija taht dan it-Titolu ma jaghmlux parti mill-atti tal-kawza li matul is-smigh taghha dawk is-sentenzi jkunu gew moghtija."

L-imsemmi punt diga gie ttrattat u deciz mill-Qorti tal-Appell kolleggjalment komposta fil-kawza: "Il-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta vs Dr. Enrico Mizzi LL.D.", 30 ta' Gunju 1936 (Kollez. Dec. Vol. XXIX.I.708). ...... Din l-ahhar Qorti dahlet fil-kwistjoni liema kienet il-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-appell u waslet ghall-konkluzjoni, ghar-ragunijiet minnha imsemmija, li l-kliem "*Court of Appeal*" uzati fl-art.1019 tal-Ligi tal-Procedura (illum l-art.1003 fuq imsemmi) "ghandu jfisser u ma jistax ifisser hlief din il-Qorti" u li l-appell f'dik il-kawza kellu jsir lilha u hi biss kienet kompetenti biex tiehu konjizzjoni tieghu;

Il-Qorti hi tal-fehma li r-ragunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell kolleggjalment komposta fl-imsemmija kawza li tirritjeni li hi biss kienet kompetenti tiehu konjizzjoni ta' appell mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta japplikaw anke fil-kaz prezenti fejn minflok qieghed isir appell lill-Qorti tal-Appell kolleggjalment komposta qieghed isir appell lill-Qorti tal-Appell maghmula minn Imhallef wiehed;

Fost dawk ir-ragunijiet hemm dawk li jingibdu mill-ispirtu tal-istess ligi. Originarjament sas-sena 1913 il-ligi ma kinitx taghti appell minn ebda sentenza ta' disprezz minghajr ebda distinzjoni jekk id-disprezz sarx quddiem il-Qorti jew le u dan aktarx ghaliex, fil-kliem tas-sentenza fuq iccitata, "is-sens ta' dekor u tal-awtorita ta' kull Qorti, hi liema hi, hu hekk inerenti ghaliha, u ghalhekk l-ezercizzju ta' dik l-awtorita huwa hekk intimu u delikat illi l-ligi ma dehrilhiex li ghandha tindahal fih jew thalli Qorti ohra, ghalkemm aktar gholja, li tissindikah." Meta imbaghad bl-Ordinanza XV tal-1913 saret id-distinzjoni fuq imsemmija, li biha sentenzi ghad-disprezz *in faciem curiae* baqghu inappellabbli, izda nghata appell ghal kazijiet ohrajn, il-legislatur, fil-kliem tas-sentenza fuq iccitata, "ma warrabx ghal kollox il-principju ta' qabel u hass u ried illi l-appell kellu jitressaq quddiem l-oghla u l-aqwa Qorti ta' dawn il-Gzejjer li hija appuntu din il-Qorti wkoll ghaliex hija kostitwita minn tliet Imhallfin. : (sottolinjar tal-Qorti);

Tista' tissemma wkoll raguni ohra u cjoe' li l-Qorti tal-Appell kolleggjalment komposta giet b'ligi espressa (art.44 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap.12, Ediz. Riv. 1984), moghtija s-setgha li tiddecidi wkoll il-kawzi l-ohra kollha li b'disposizzjoni espressa tal-ligi huma mhollijin ghaliha. Il-Qorti tal-Appell kolleggjalment komposta ghalhekk, barra mill-gurisdizzjoni ordinarja taghha, ghandha wkoll wahda straordinarja taht id-disposizzjonijiet espressi tal-ligi, fosthom dik taht l-imsemmi art.1003 li jikkontempla appuntu appelli lill-Qorti tal-Appell minn sentenzi ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti;

Il-Qorti tirritjeni li ma jistax jinghad illi billi l-artikolu 1003 fuq imsemmi juza l-kliem "Qorti tal-Appell", allura wiehed ghandu wkoll jifhem il-Qorti

> **tal-Appell kostitwita minn Imhallef wiehed. Il-kliem "il-Qorti tal-Appell" billi huma minghajr iz-zieda ta' ebda kwalifika, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jifthiemu bhala li jirriferixxu ghall-Qorti tal-Appell kif normalment kostitwita u cjoe' skond l-art.41(1), Kap.12 (Ediz. Riv.1984) fejn jinghad li hija maghmula mill-President u zewg Imhallfin ohra. Kieku l-legislatur ried jinkludi taht dawk il-kliem anke il-Qorti tal-Appell kostitwita minn Imhallef wiehed f'kaz ta' appelli mill-Qorti Civili tal-Magistrati ta' Malta, kien jesprimi ruhu mod iehor;."**

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dan l-insenjament wkoll ghaliex il-ligi qatt ma giet emendata minn dak iz-zmien 'l hawn. Dan ifisser allura illi din il-Qorti kif komposta ma ghandhiex il-kompetenza tistharreg l-ilment imressaq 'il quddiem mill-appellant billi l-appell kellu jigi ntavolat quddiem il-Qorti tal-Appell kif kolleggjalment komposta u mhux quddiem din il-Qorti[3].

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 1003(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[3] Ara fost ohrajn Spettur Michael Mallia vs Registratur Qrati Kriminali u Tribunali – App.Sup. 17/03/2010 58/2010 u 57/2010 u Liza Delia vs ir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta) – App.Sup 14/05/2015